Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru:- 7/2011

**Neil Carter (Appellant)**

**Vs**

**Il-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud (Appellat)**

Il-Gimgha, 10 ta' Gunju 2016.

Neil Carter appella minn decizjoni tat-8 ta' Frar 2011 tal-Bord tal-Appelli mwaqqfa bl-Att dwar l-Eko-Kontribuzzjoni (Kap. 473) li biha gie michud l-appell li ppropona l-appellant mill-istima li hareg l-appellat ghall-hlas ta' €3,478.05 li jirraprezenta stima ta' €3,161.86 Eko-Kontribuzzjoni u €316.19 penali ghall-perjodi mill-1 ta' Settembru 2004 sal-31 ta' Dicembru 2007.

Fit-30 ta' Marzu 2010 l-appellant ipprezenta l-appell quddiem il-Bord tal-Appelli, fejn iddikjara li mill-istima li ghamel l-appellat, kienet dovuta biss is-somma ta' €138.10.

L-aggravji tal-appell huma kwazi identici ghal dawk fl-appell numru 8/2011 fl-ismijiet **Hector Carter vs Direttur Generali tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud**, deciz illum. L-aggravji huma:

1. Bil-mod kif il-Bord ipproceda ghas-sentenza, ippregudika d-dritt tal-esponent ghall-appell.
2. Illi l-Bord tal-Appelli dwar l-Eko-Kontribuzzjoni applika hazin l-oneru tal-prova in kwantu:-
    i. Naqas milli japprezza illi f'kaz dwar penali l-oneru ghandu jigi nvertit.
    ii. Fil-ligi tal-Eko-Kontribuzzjoni wiehed ma jsibx regoli dwar l-oneru tal-prova bhal dawk illi wiehed isib fl-income tax u l-VAT.
3. Il-Bord tal-Appelli naqas fl-obbligi kostituzzjonali tieghu ta' imparzjalita u indipendenza.
4. Il-Bord naqas milli japplika l-principju li *in dubio pro reo*.
5. L-appellant ma nghatax bizzejjed zmien sabiex iwiegeb ghall-ittra tal-Bord tas-7 ta' Jannar 2011.

A skans ta' ripetizzjoni fir-rigward tal-aggravji numru 1 sa 3 (inkluzi)[1], il-qorti taghmel ampja riferenza ghas-sentenza li nghatat illum fl-appell numru 8/2011 u *mutatis mutandis* tapplika dak kollu li nghad f'dak ir-rigward.

Ghal dak li jirrigwarda l-aggravji numru:

i. **Erbgha (4)**, il-proceduri quddiem il-Bord ma kienux proceduri kriminali. Mid-decizjoni hu wkoll evidenti li l-Bord iddecieda a bazi tal-provi li kellu quddiemu. Il-Bord ikonkluda li a bazi tal-provi li tressqu kien irrizulta li l-appellant "*... naqas li jiddikjara ghall-iskop tal-Att tal-Eko-Kontribuzzjoni z-zewg konsenji ta' birra li fuqhom l-Awtorita Kompetenti harget stima.*" L-appell kien tal-appellant, u ghalhekk kellu l-obbligu li jressaq provi li jikkonvinci lill-Bord tal-Appelli li l-provi li ressqet il-parti l-ohra ma kinux attendibbli. Gialadarba l-appellant naqas milli jissostanzja l-argumenti tieghu permezz ta' provi dokumentarji (ezempju *invoices*), ma jistax jippretendi li l-Bord kellu jiskarta l-ezercizzju dettaljat li sar mit-Tax Compliance Unit. Mill-atti hu altru milli evidenti li l-appellant inghata bizzejjed zmien biex iressaq il-provi li ried biex jikkontrobatti l-provi li ressqet l-Awtorita Kompetenti. Ghal ragunijiet li jaf hu, dan m'ghamlux. Ma jistax issa jippretendi li jiehu beneficcju billi joqghod jinheba wara principju li japplika fi proceduri kriminali meta hu stess ghazel li ma jressaqx provi. Dan apparti li hu evidenti li mill-provi l-Bord ma kellu l-ebda dubju li effettivament l-appellant naqas milli jiddikjara zewg konsenji ta' birra li dwarhom l-appellat hareg l-istima.

ii. **Hamsa (5)**, l-appellant qal:

*"Illi fil-21 ta' Dicembru 2010 il-Bord ghamel rikjesta ta' dokumenti lill-esponent. Illi din ir-rikjesta saret permezz ta' ittra. Fil-21 ta' Dicembru l-ittra giet returned to sender. Ghalhekk il-Bord kiteb lir-rapprezentanti tal-appellant. Fis-7 ta' Jannar 2011 il-Bord kiteb lil Hector Carter u tah sas-17 ta' Jannar biex iwiegeb. Skond il-Bord stess l-ittra waslet ghand l-esponent fl-20 ta' Jannar 2011. L-esponent ma rrispondiex din l-ittra fiz-zmien rikjest ghaliex huwa mpossibbli illi persuna twiegeb sas-17 ta' Jannar 2011 ghal ittra illi waslet ghandu fl-20 ta' Jannar (ad impossibila nemo tenetur). Dan il-fatt jixhed il-mod inkwizitorjali u zbilancjat illi bih agixxa il-Bord. Il-ksur tal-vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq huwa palezi specjalment meta wiehed jikkunsidra illi l-mankata risposta kienet tifforma l-bazi tal-konkluzjoni tal-bord."*

Il-qorti ma taqbilx ma' dan l-aggravju. L-appellant kellu altru milli zmien bizzejjed sabiex kieku verament ried jipprezenta provi dokumentarji biex isostni l-aggravji tieghu quddiem il-Bord tal-Appell. Dan apparti li d-decizjoni nghatat fit-8 ta' Frar 2011, cjoe' iktar minn gimghatejn qabel id-

[1] Fl-appell in ezami l-appellant, kuntrarjament ghall-appell numru 8/2011, ma ressaqx aggravju li l-Kap. 473 m'huwiex kompatibbli mal-Ligi Komunitarja.

decizjon tal-Bord. Gialadarba meta rcieva l-ittra l-appellant baqa' passiv, m'ghandux jedd li jilmenta wara li nghatat is-sentenza. Kieku ried kellu kull opportunita li jitlob ghal estensjoni ta' zmien. Haga li m'ghamilx u ghalhekk *imputet sibi*.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant**.

Anthony Ellul.